MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 466/2012

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
David Clement Joseph Yates, iben John Clement,
imwieled l-Ingilterra fis-7 ta' Jannar, 1970, karta ta' l-identita numru 77201L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-23 ta' Marzu, 2012 għal ħabta tat-3.20 p.m. ġewwa Triq Ġorġ Borg Olivier, tas-Sliema kkometta serq ta' laptop ta' l-għamla Sony minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH 017 liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Jean Paul Mizzi u/jew persuna jew persuni oħra;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH 017 liema ħsara tammonta għal anqas minn €116.47 għad-dannu ta' Jean Paul Mizzi u/jew persuna jew persuni oħra;
3. talli fis-27 ta' Marzu, 2012 għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa Triq Manuel Dimech, tas-Sliema kkometta serq ta' basket li kien jikkontjeni flus kontanti, cheques u oġġetti oħra minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ISC 131 liema serq hu kkwalifkat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Darren Cuschieri u/jew persuna jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqatant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation kontra l-imputat għal żmien tlett (3) snin. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €1,300 danni lil Darren Cuschieri u €1,100 danni lil Jean Paul Mizzi fi żmien tlett (3) snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €450.35 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------